MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-16 ta' Lulju, 2015

Numru. 612/2009

**Il-Pulizija**

**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs.**

**Alan Borg**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

Alan Borg detentur tal-karta tal-identita’ numru 131070M

Akkuzat talli f'Mejju 2009 u fis-snin immedjatament precedenti f'dawn il-Gzejjer, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe' s-somma ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u oggetti ohra ghad-dannu ta' Louis Aquilina, detentur tal-karta tal-identita' numru 641720M, ai termini tal-artikolu 294 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens mibghut mill-Avukat Generali fis-26 ta' Gunju, 2009, sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja, u rat li l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat u deciz.

Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti ezebiti u l-atti l-ohra tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. L-imputat kien jahdem bhala manager ma' Tudor Peresso Press li kellha stamperija zghira l-Belt Valletta u ohra B'Kara. Il-parte civile Louis Aquilina, li kien hajjat, mar fl-istamperija

tal-Belt u sab lill-imputat u talbu jistampalu xi kopji ta' kotba tal-hjata li kien ghamel. Irid jinghad li meta xehed Aquilina kellu 90 sena u lanqas gharaf lill-imputat, pero l-imputat mhux jinnega li Aquilina kien kellmu u ghamillu din it-talba.

2. Mix-xhieda ta' Aquilina jidher li hu mar diversi drabi ikellem lill-imputat l-istamperija l-Belt, u l-imputat jghid fl-istqarrija tieghu li l-imputat gab mieghu xi tlieta jew erba' volumi tal-hjata, ta' madwar 100 faccata l-wiehed, li ried jistampa ftit kopji taghhom. L-imputat jghid li qallu li ma kienx val la pena jistampa daqshekk ftit, imma Aquilina baqa' jinsisti li ried kopji taghhom minhabba li dawn kienu xoghol li ghamel hu bhala hajjat.
3. Fix-xhieda tieghu, l-imputat jghid li Aquilina mar diversi drabi jkellmu l-istamperija, u l-imputat xtaq jaqdieh. Aquilina ghaddielu l-manuscripts u l-imputat beda jaghmillu x-xoghol fil-kapacita personali tieghu d-dar fuq il-kompjuter tieghu, wara l-hin tax-xoghol.[1] Fix-xhieda tieghu Aquilina jghid li ghadda lill-imputat ukoll xi rizmi ta' karti, pero l-ammont ta' kemm allegatament tah mhux car. Pero x-xoghol ha fit-tul, u wara circa sentejn kien ghadu mhux lest. Pero sa dan iz-zmien, Aquilina ma kien ta l-ebda flus lill-imputat.[2]
4. Gara li Tudor Peresso Press bdiet tahseb biex taghlaq, u l-imputat impjega ruhu ma Sunland Printers gewwa Bormla, bhala sales representative.
5. Ludwig Flask, il-manager ta' Sunland Printers xehed li l-imputat kien infurmah li xtaq jaghmel il-kotba ta' Aquilina, u d-disinn kien se jaghmlu l-imputat u waqfu hemm. L-imputat xehed li Ludwig Flask talab lil Aquilina depozitu ta' Lm200, li Aquilina xehed li mar Bormla u tahom Lm200 lill-imputat, u l-imputat jghid li tahom lil Ludvig Flask. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid li l-imputat ta wkoll lill-kumpanija xi karti A3 u xi rollijiet tal-legatura.
6. Ludvig Flask xehed li x-xoghol kien elaborat ghax Aquilina tahulhom bl-idejn u ried jigi maqlub b'mod elettroniku – li kien xoghol kumplikat u jirrikjedi hafna hin. Allura iddecidew li jieqfu. Flask xehed li ta istruzzjonijiet lill-imputat biex jaghti l-flus u l-kapparra ta' Lm200 lura lil Aquilina. Pero xehed ukoll li rigward il-flus li riedu jinghataw lura lil Aquilina, ried ikun hemm ftehim mad-direttur tal-kumpanija, Alfio Schembri.[3]
7. Jidher li minn dan kollu ma gara xejn, u wara sitt xhur jahdem ghal Sunland Press, l-imputat waqaf jahdem ma' din l-istamperija u telaq. Pero l-imputat ha l-manuskritti ta' Aquilina mieghu, ghalkemm ghar-ragunijiet tieghu, ghar-ragunijiet li ma spjegax, l-imputat ma talabx l-ammont ta' Lm200 minghand is-sid is-Sunland Press ta' dak iz-zmien,[4]
8. Jidher li l-imputat u Aquilina tilfu l-kuntatt, u wara xi zmien, Aquilina inkariga avukat biex tibghat ittra lill-Pulizija biex jinvestigaw lill-imputat ghal frodi fis-somma ta' Lm200 u li zamm ghandu xi tlett (3) manuskritti antiki u karti ohra li kien ghaddielu Aquilina.[5]

[1] Ara xhieda tal-imputat a fol. 39-40 tal-process.
[2] Ara xhieda tal-imputat a fol. 39-40 tal-process.
[3] Ara xhieda ta' Ludwig Flask a fol. 21 tal-process.
[4] Ara stqarrija tal-imptutat a fol. 34 tal-press.
[5] Ara xhieda tal-Ispettur Maurice Curmi a fol. 27 tal-process.

9. Fl-istqarrija, l-imputat ammetta li Aquilina kien tah il-manuskritti u tahom lura lil Aquilina wara li kellmuh il-Pulizija, pero fl-istqarrija tieghu l-imputat jghid li l-karti A3 li Aquilina kien tah kien hallihom is-Sunland Press.
10. Rigward id-depozitu ta' Lm200, l-imputat irrifondihom lil Aquilina qabel bdew dawn il-proceduri. Fix-xhieda tieghu, l-imputat jghid li hu kellem lis-sid ta' Sunland Press, Alfio Schembri biex jaghtih il-Lm200, pero dan qallu biex dawn il-flus jaqsmuhom u li kien se jaghmillu cekk ta' Lm100. L-imputat jghid li hu qisu nstamat ghal din l-attitudni ta' Schembri, pero ma qghadx ihaqqaqha mieghu. Ghalhekk, l-imputat hareg biss Lm100 minn butu, ghax il-Lm100 l-ohra irrifondihomlu sid is-Sunland Press.[6]
11. Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, Aquilina xehed li ha kollox lura minghand l-imputat inkluz il-flus, u li hu lest li jahfirlu.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti dwar Htija.**

Qabel tikkonsidra l-meritu ta' dawn il-proceduri, il-Qorti sejra tikkonsidra zewg eccezzjonijiet preliminari sollevati mid-difiza fit-trattazzjoni orali.

*L-Ewwel Eccezzjoni – In-Nullita ta' dawn il-Proceduri ghaliex il-Kwerela ma gietx ezebita u ikkonfermata bil-gurament*

Fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-imputat issottometta li r-reat ta' misappropjazzjoni irid jingieb il-quddiem bil-kwerela tal-parti, u tigi konfermata bil-gurament.

Issa huwa vera li l-Artikolu 293 tal-Kodici Kriminali li jitratta il-misapproprjazzjoni jippreskrivi illi *"Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti."*

Pero, l-imputat mhux akkuzat biss taht l-Artikolu 293, izda wkoll taht l-Artikolu 294 tal-Kodici Kriminali, kif jirrizulta mic-citazzjoni. L-Artikolu 294 jippreskrivi hekk:

[6] Ara xhieda tal-imputat a fol. 41 tal-process.

*"Madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba l-professjoni, industrja, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju, l-azzjoni kriminali titmexxa ex officio, u l-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn."*

Issa fil-kaz odjern, huwa car li l-manuskritti u l-flus gew konsenjati lill-imputat minn Aquilina minhabba l-professjoni, kummerc u s-servizz li kien jaghti bhala stampatur u ghalhekk f'dan il-kaz l-azzjoni kriminali kellha titmexxa mill-Pulizija *ex officio*, u l-kwerela ta' Aquilina ma kinietx mehtiega.

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni tan-nullita tal-procedura minhabba n-nuqqas tal-kwerela qed tigi michuda.

<u>*It-Tieni Eccezzjoni – Il-Preskrizzjoni*</u>

It-tieni eccezzjoni preliminari sollevata mid-difiza hija dik tal-preskrizzjoni. Taht l-Artikolu 294 tal-Kodici Kriminali fuq citat il-piena massima hija dik ta' prigunerija sa massimu ta' sentejn. Ghaldaqstant, ai termini tal-Artikolu 688(d) tal-Kodici Kriminali, il-preskrizzjoni applikabbli hija dik tal-hames (5) snin, li jibda jiddekorri mil-jum tal-konsummazzjoni tad-delitt, u dan ai termini tal-Artikolu 691(1) tal-Kodici Kriminali.

Issa fic-citazzjoni, l-imputat huwa akkuzat ta' misapproprjazzjoni f'Mejju 2009 u fis-snin precedenti.

Huwa vera li l-parte civile Louis Aquilina xehed fis-seduta tat-2 ta' Dicembru 2009,[7] li l-ewwel darba li hu kien kellem lill-imputat kien *"xi 7 jew 8 snin ilu"* cioe circa s-sena 2001 jew 2002. Pero dan ma jfissirx li l-misapproprjazzjoni saret dak iz-zmien.

[7] Ara xhieda ta' Louis Aquilina a fol. 10 tal-process.

Sfortunatament, mill-provi prodotti fil-process, ma hemmx indikazzjoni ta’ xi data fissa – lanqas kopja tal-ircevuta ta’ Lm200 li giet rilaxxata lil Aquilina.

Fl-opinjoni konsiderata tal-Qorti, - jekk ghall-grazzja tal-argument biss – gie kommess ir-reat ta’ misapproprjazzjoni, dan beda jiddekorri meta Ludwig Flask, il-manager ta’ Sunland Press ta istruzzjonijiet lill-imputat biex jirritorna l-kotba u l-LM200 lil Aquilina, ghaliex il-kumpanija kienet hadet decizjoni li ma tkomplix taghmel ix-xoghol lil Aquilina. Pero sfortunatament, fix-xhieda tieghu Ludwig Flask ma jaghti l-ebda indikazzjoni meta ta dawn l-istruzzjonijiet lill-imputat.

Fl-istqarrija tieghu rilaxxata fil-31 ta’ Jannar 2009, l-imputat jghid li dak iz-zmien kellu printing press tieghu u *“ilni nahdem ghal rasi madwar sentejn u qabel kont nahdem ma’ Sunland Printers f’Bormla, fejn hemmhekk hdimt ghal madwar ghaxar xhur u qabel kont nahdem ma’ Tudor Press ... ...”* Minn din l-istqarrija, jidher li l-imputat beda jahdem ma’ Sunland Press circa Marzu 2006 u spicca circa Jannar 2007, u konsegwentement l-ordni ta’ Flask biex l-imputat ma jkomplix ix-xoghol, bil-fors inghatat bejn dawn ix-xhur.

Ghalkemm fil-process m’hemmx prova tal-ewwel notifika tal-imputat f’dawn il-proceduri, l-imputat deher l-ewwel darba quddiem din il-Qorti fis-seduta tat-2 ta’ Dicembru 2009.[8] Ghaldaqstant, anki jekk fl-ahjar ipotesi ghall-imputat, il-perjodu ta’ preskrizzjoni beda jiddekorri minn Marzu 2006, certament li dawn il-proceduri kriminali inbdew entro t-terminu preskrittiv ta’ hames (5) snin.

Konsegwentement, din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni qed tigi respinta.

*Il-Meritu*

Mix-xhieda anki tal-imputat stess, johrog car li Aquilina kien inkariga lill-imputat personalment sabiex jaghmillu x-xoghol tal-istampar, fiz-zmien meta l-imputat kien jahdem ma’ Tudor Press. Tant

[8] Ara verbal tas-seduta tat-2 ta’ Dicembru a fol. 8 tal-process.

hu hekk, li Aquilina ghadda l-manuskritti lill-imputat, li xehed li kien jahdem fuqhom fil-kapacita tieghu personali wara l-hin tax-xoghol, fuq il-komputer tieghu tad-dar. L-imputat dam jaghmel hekk ghal madwar sentejn.

Huwa vera li meta l-imputat mar jahdem ma' Sunland Press, ix-xoghol ta' Aquilina beda jaghmlu flimkien ma' din il-kumpanija. Pero Aquilina kien inkariga lill-imputat personalment, u r-relazzjoni bejn l-imputat u Sunland Press kienet *res inter alios acta* ghalih. Imkien mill-provi ma jirrizulta li Aquilina kien waqqaf lill-imputat mill-inkarigu li kien tah, u qabbad lil Sunland Press, jew li l-imputat infurmah li mhux se jkompli x-xoghol hu personalment, pero se tkomplih Sunland Press. Fil-fatt, anki mix-xhieda ta' Aquilina jirrizulta li meta huwa ta il-Lm200 lill-imputat, f'mohhu kellu li qed jaghtihom lill-imputat personalment. U ghalkemm l-imputat ghadda dawn il-flus lis-Sunland Press, f'mohhu dawn il-flus kienu tieghu, ghax li kieku, wara li kellmuh il-Pulizija, ma kienx se jkellem lil sid is-Sunland Press biex itih il-flus, u fil-fatt is-sid tah nofshom.

Il-Qorti ma ghandhiex dubbju, li ghalkemm jista' jkun li l-imputat ipprokrastina xi ftit biex jaghmel ix-xoghol tal-imputat, sakemm huwa impjega ruhu ma' Sunland Press, huwa kellu l-intenzjoni li jezegwixxi l-inkarigu lilu moghti minn Aquilina, u fil-fatt xehed li lahaq ghamel hafna xoghol. Pero fl-opinjoni tal-Qorti, il-posizzjoni tbiddlet meta l-imputat ircieva l-ordni minghand il-manager ta' Sunland Press, Ludwig Flask, sabiex ma jkomplix jahdem fuq ix-xoghol ta' Aquilina, u li jirritornalu l-kotba u l-flus. F'dak il-mument, l-imputat kien jaf li ma setghax ikompli x-xoghol u ghalhekk kellu d-dover li jezegwixxi l-ordni li inghata mill-principal tieghu, apparti l-fatt li hu kellu wkoll dan l-obbligu fil-vesti personali tieghu ghax Aquilina kien inkariga lilu personalment.

Ghal xi raguni, l-imputat ma rritornax il-kotba u l-flus lil Aquilina u l-imputat ma jaghti l-ebda spjegazzjoni ghalfejn dan m'ghamlux. Mhux biss, pero meta spicca jahdem ma' Sunland Press, il-manuskritti ta' Aquilina hadhom mieghu. Mix-xhieda ta' Aquilina, jidher li dan prova jirrintracca lill-imputat is-Sunland Press, pero ovvjament l-imputat ma kienx ghadu jahdem hemm. Wiehed ma jridx jinsa li Aquilina kellu qrib id-disghin (90) u ghalhekk certament li ma kienx facli ghalih jirrintracca lill-imputat.

Kien id-dover tal-imputat li jikkuntattja lil Aquilina u jinfurmah li ma setghax ikomplilu x-xoghol u jirritornalu l-manuskritti u l-flus, meta l-principal tieghu waqqfu milli jkompli x-xoghol. Fi

kwalunkwe kaz, fl-ahjar ipotesi ghall-imputat, jekk meta huwa spicca jahdem minn ma’ Sunland Press, huwa jekk kien fi hsiebu jkompli x-xoghol ta’Aquilina, xorta kellu dover li jinfurma lil Aquilina li spicca jahdem ma’ Sunland Press u jinfurmah fejn jista’ jsibu. L-imputat kien jaf fejn jghix Aquilina, ghax Aquilina xehed li l-imputat kien mar ghall-inqas darbtejn id-dar tieghu. Pero mill-provi ma jirrizultax, li wara li spicca jahdem ma’ Sunland Press, l-imputat kompla jahdem fuq ix-xoghol ta’ Aquilina, ghalkemm fetah stamperija ghal rasu, jew li kellu xi intenzjoni li jkompli jahdem fuqu, minkejja li zamm il-manuskritti.

Ghaldaqstant, il-Qorti issibu hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu.

**Konkluzjonijiet dwar Piena**

Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-ammont misapproprjat ta’ €465.87, ekwivalenti ghal Lm200 mhux wiehed kbir, u l-Prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova tal-valur tal-manuskritti.

L-imputat ikkopera mill-ewwel mal-Pulizija u rritorna fil-pront il-manuskritti lil Aquilina u anke irrifondielu l-ammont ta’ Lm200 qabel inbdew dawn il-proceduri.

Min-naha l-ohra, Aquilina xehed quddiem din il-Qorti li huwa hafer lill-imputat, u li ma kellhux interess f’dawn il-proceduri.

Ghalkemm il-fedina penali tal-imputat fiha disa’ kundanni, hija mhix wahda allarmanti stante li r-reati huma jew ta’ ksur tal-ligijiet tas-sewqan, jew li naqas li jhallas il-manteniment lil martu.

In vista ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti hija tal-opinjoni li piena karcerarja, anke wahda sospiza, mhix idonea fic-cirkostanzi kollha.

Il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni fic-citazzjoni biex f'kaz ta' htija, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez tal-esperti, billi l-ebda espert ma gie mahtur f'dawn il-proceduri.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni dedotta kontrih, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti spjegat bi kliem car u semplici lill-imputat il-portata ta' din is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------